RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-16 ta' Lulju 2021

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de España

(BĊE/2021/29)

(2021/C 299/02)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Fl-2018, il-Banco de España għażel lil Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2018 sa 2020, bl-opzjoni li l-mandat jiġi estiż sas-snin finanzjarji 2021 sa 2022, u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE kien irrakkomanda dik il-ħatra kif ukoll l-opzjoni li l-mandat jiġi estiż għas-snin finanzjarji 2021 u 2022 ([1]).

(3) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Banco de España, Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A., intemm wara l-awditu tas-sena finanzjarja 2020. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.

(4) Il-Banco de España bihsiebu jestendi l-mandat ta' Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A. għas-snin finanzjarji 2021 u 2022 kif previst mir-Rakkomandazzjoni BĊE/2018/22 u l-premessi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1518 ([2]). Din l-estensjoni hija possibbli skont l-arranġamenti kuntrattwali bejn il-Banco de España u Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A.,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li l-assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi Mazars Auditores, S.L.P. - Mazars, S.A. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banco de España għas-snin finanzjarji 2021 u 2022.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-16 ta' Lulju 2021.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([1]) Rakkomandazzjoni BĊE/2018/22 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta' Settembru 2018 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de España (ĠU C 325, 14.9.2018, p. 1).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1518 tad-9 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Banco de España (ĠU L 256, 12.10.2018, p. 63).